# KUN AF





**Mt 3, 1-12**
Ġwanni l-Battista jistieden lil kulħadd ipprepara biex jiltaqa' ma' Ġesu'.

# ON YOUR MARKS
# GET SET...

Kull tellieqa tibda meta l-starter jgħajjat:
'On your marks, get set'. Mal-kelma 'Go!' kulħadd jibda jiġri.
Hu importanti l-kliem; 'On your marks. Get set.' Għax jipprepara lil min qiegħed jieħu sehem ikun lest għall-isprint u biex kulħadd jitlaq flimkien.
It-tlieta huma importanti.



Biex nagħmlu l-affarijiet tajjeb dejjem irridu nippreparaw.
Kif għandek tipprepara:
- biex meta tmur l-iskola tieħu l-kotba kollha li jkollok bżonn?
- biex ikollok riżultati tajba fl-eżamijiet?
- biex meta nsiefru nieħdu kull ma jkollna bżonn?

torganizza • biex f'party, kollox imur tajjeb?
*'Coach'* kif jipprepara t-team tiegħu biex jilgħab tajjeb u jirbaħ?

Nistgħu nxebbhu lil Ġwanni ma' *'coach'* li jipprepara lin-nies, mhux għal tellieqa, lanqas biex jilagħbu l-futbol, il-*'basketball'* jew it-*'tennis'*. Jippreparahom biex jiltaqgħu ma' wieħed akbar minnu, jiltaqgħu ma' Ġesu'.

Illum, Ġwanni qiegħed jittrenjana u jippreparana niċċelebraw il-Milied. Mhux ser jgħidilna f'liema ħwienet immorru biex nixtru r-rigali, jew liema programmi naraw fuq it- T.V. f'dawn il-ġranet. Qiegħed jgħinna niltaqgħu ma' Ġesu'. Dan kif jagħmlu? Jgħidilna:

INBIDLU - tibqgħux tagħmlu dak li hu ħażin. Agħmlu dak li hu tajjeb.

Aħseb f'xi affarijiet ħziena li tista' ma tibqax tagħmel.

| a | d | e | għ | I | i | l | m | n | S | s | t | u | w | x |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 15 | 6 | 3 | 11 | 4 | 8 | 7 | 10 | 2 | 13 | 9 | 5 | 12 | 1 | 14 |

*Ibdel in-numri ma' l-ittri u tkun taf x'qal Ġwanni*



_ _ _ _ _   _ _ _   _ _ - _ _ _ _ _ _
4 2 6 10 12   11 15 14   8 9   13 15 7 5 2 15

_ _ _ - _ _ _ _ _ _ _ _   _ _ _ _ _ _
5 15 9   13 10 3 1 1 8 3 5   1 15 9 7 3 5

